



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.10.2024
COM(2024) 496 final

2024/0275 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**RESTORE - Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-
Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-diżastri naturali reċenti fiċ-Ċentru, fil-Lvant u fin-Nofsinhar tal-Ewropa kellhom effett devastanti fuq il-popolazzjonijiet li jgħixu f'dawn ir-reġjuni. Se jkunu meħtieġa xogħlijiet estensivi ta' rikostruzzjoni f'ħafna bliet, u rħula biex jissewwew l-infrastruttura u t-tagħmir li saritilhom ħsara u u biex il-ħsara titranġa b'mod aħjar li jiżgura r-reżiljenza u tiġi żgurata aħjar ir-reżiljenza għall-klima u għad-diżastri b'mod kosteffettiv, sabiex jittaffa malajr il-piż fuq il-baġits lokali, reġjonali u nazzjonali u jittaffa r-riskju li d-disparitajiet territorjali jmorru għall-aġġar b'kaġun ta' dawn id-diżastri. Se jkunu meħtieġa miżuri immedjati biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi ta' diżastri naturali bħal dawn. Barra minn hekk, il-persuni affettwati direttament minn dawn id-diżastri naturali, li setgħu tilfu djarhom u l-oġġetti personali tagħhom, jistgħu jkunu jeħtieġu ikel u/jew assistenza materjali bażika. Barra minn hekk, l-appoġġ għaż-żamma tal-impjiegi jista' jkun meħtieġ ukoll għan-negozji li jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi minħabba l-okkorrenza ta' diżastru naturali sabiex l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom ikunu jistgħu jżommu l-impjieg tagħhom għall-perjodu li fih ma setgħux jaċċessaw il-post normali tal-impjieg tagħhom. Sabiex jiġi indirizzat l-effett devastanti tad-diżastri naturali fuq is-saħħa tan-nies, jenħtieġ li jkun permess ukoll l-aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumx f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti. L-Ewropa jeħtieġ li tkun tista' tipprovdi appoġġ addizzjonali u effettiv malajr permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) lill-Istati Membri, lir-reġjuni, lill-awtoritajiet lokali u lill-persuni affettwati serjament minn diżastri reġjonali, li jikkomplementa r-riżorsi disponibbli mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li tiġi antiċipata żieda fil-frekwenza tad-diżastri. Għalhekk, abbażi tal-esperjenza miksuba f'dawn l-aħħar snin, huwa xieraq li jiġi previst qafas li jippermetti flessibbiltà u appoġġ finanzjarju sabiex jiġu evitati bidliet rikorrenti fil-qafas legali tal-politika ta' koeżjoni u piż amministrattiv addizzjonali, filwaqt li tiġi ppreservata n-natura strateġika fit-tul tal-politika ta' Koeżjoni.

Konsegwentement, sabiex tipprovdi assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni tipproponi li jinħoloq objettiv speċifiku ġdid taħt il-kamp ta' applikazzjoni eżistenti tal-appoġġ tal-FEŻR. Dan jippermetti lill-Istati Membri jipprogrammaw mill-ġdid taħt il-programmi tagħhom tal-2021–2027 taħt il-mira Investimenti għall-Impjiegi u t-Tkabbir ammonti għar-rikostruzzjoni wara diżastri naturali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jew rikonoxxut bħala tali minn awtorità pubblika kompetenti ta' Stat Membru.

Dan l-objettiv speċifiku addizzjonali huwa inkluż taħt l-Objettiv ta' Politika 2 (Ewropa aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti u reżiljenti billi jiġu promossi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, l-investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, u l-mobbiltà urbana sostenibbli). Dan l-objettiv ta' politika jappoġġa direttament l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima li għandha l-għan li tiżviluppa miżuri ta' adattament għall-ġestjoni tar-riskji tat-tibdil fil-klima, normalment fil-forma ta' diżastri, bħall-għargħar, in-nirien fil-foresti jew in-nixfiet.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġu antiċipati u msaħħa l-investimenti b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż

soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, sabiex jittaffa l-impatt tad-diżastri dejjem aktar frekwenti kkawżati mill-klima. L-isforzi ta' rikostruzzjoni m'għandhomx isiru għad-detriment tal-investimenti fil-prevenzjoni u t-tnejja għad-diżastri strutturali fit-tul.

Il-FSE+, fil-kamp ta' applikazzjoni eżistenti tiegħu, jista' jipprevedi wkoll riżorsi biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tad-diżastri naturali. Minbarra l-miżuri diġà eżistenti, jenħteġ li tiġi żgurata aktar flessibilità għall-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jipprovdu għajjnuna rapida u immedjata fil-forma ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika. L-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom jenħteġ li jkunu jistgħu jżommu l-impjegi tagħhom sakemm ikunu jistgħu jirritornaw għax-xogħol, għalhekk, il-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jenħteġ li jkun permess b'mod aktar flessibbli. Sabiex jiġi indirizzat l-effett devastanti tad-diżastri naturali fuq is-saħħa tan-nies, jenħteġ li jkun permess ukoll l-aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti. Dan jippermetti lill-Istati Membri jipprogrammaw mill-ġdid ir-riżorsi tal-FSE+ tagħhom fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-assistenza u l-flessibbiltajiet addizzjonali.

Huwa possibbli li l-Istati Membri jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet eżistenti ta' trasferiment stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-FEŻR jew għall-FSE+.

Minħabba l-kobor potenzjali tal-impatt ta' tali diżastri naturali u sabiex il-likwidità tiġi injettata malajr biex jiġu koperti l-ħtiġijiet l-aktar urġenti, huwa propost li l-Istati Membri, meta jużaw il-qafas propost, jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt il-prijoritajiet iddedikati u l-possibilità li japplikaw finanzjament tal-Unjoni sa 100 %. Biex iwieġbu għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti, f'konformità mal-Artikolu 63(7) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri jistgħu diġà jipprevedu fil-programmi tagħhom li l-eliġibilità tan-nefqa tibda mid-data tal-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza tad-diżastru naturali. Barra minn hekk, jenħteġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jagħżlu appoġġ taħt il-prijorità ddedikata li tlestew jew li ġew implimentati bis-sħiħ, li għandhom l-għan li jipprovdu rispons għad-diżastru naturali. L-ammonti riprogrammati għal dik il-prijorità (jew prijoritajiet) jeħteġ li jkunu limitati b'mod ġenerali għal massimu ta' 10 % tal-allokazzjoni tal-politika ta' koeżjoni nazzjonali tal-Istat Membru filwaqt li jitqiesu l-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Il-prijorità ddedikata tista' tintuża għal diżastru naturali wieħed jew aktar permezz ta' emenda waħda jew aktar tal-programm. Fejn l-allokazzjoni għal dik il-prijorità tiżdied permezz ta' emendi sussegwenti tal-programm, il-prefinanzjament addizzjonali jitħallas fuq iż-żieda sabiex il-prefinanzjament addizzjonali ġenerali jikkorrispondi għal 30 % tar-riżorsi allokati għal din il-prijorità.

Meta l-Istat Membru jkun irid juża din il-prijorità ddedikata u l-flessibbiltajiet korrispondenti, l-emenda tal-programm korrispondenti jeħteġ li tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara kkawżata mid-diżastru. Meta d-diżastru naturali jseħħ qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament emendatorju, din l-emenda jeħteġ li tiġi ppreżentata fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija konsistenti mal-oġġettivi segwiti mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni u hija limitata għal emenda mmirata tar-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057. Il-proposta tikkomplimenta t-tip ta' appoġġ disponibbli skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emenda mmirata tar-Regolament (UE) 2021/1058 kif ukoll tar-Regolament (UE) 2021/1057 u żżomm konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 164, 175(3) u 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta biex tiġi pprovduta flessibbiltà addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali billi tiġi pprovduta l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati xogħlijiet ta' rikostruzzjoni mill-FEŻR b'rata ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 % u bi prefinanzjament addizzjonali għal prijetà ddedikata fil-programmi teħtieġ emenda tar-Regolament (UE) 2021/1058. Il-proposta biex l-Istati Membri jimplimentaw l-FSE+ b'mod aktar flessibbli, inkluż il-prefinanzjament addizzjonali u l-finanzjament tal-Unjoni sa 100 %, biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tad-diżastri naturali u barra minn hekk, biex ikunu jistgħu jipprovdu ikel immedjat u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni affettwati direttament minn diżastri naturali, kif ukoll skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għall-impjegati u għal dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr miżuri attivi u aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti, teħtieġ l-emenda tar-Regolament (UE) 2021/1057. Ma jistax jinkiseb l-istess riżultat permezz ta' azzjonijiet fuq livell nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hi bidla limitata u mmirata li ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju għall-kisba tal-oġettiv ta' provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt biex titħejja l-proposta għar-Regolament (UE) 2021/1058 kif ukoll għar-Regolament (UE) 2021/1057. Il-bidliet limitati u mmirati ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt separata.

- **Idoneità regolatoria u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tikkonċerna l-programmi tal-politika ta' koeżjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u ma timmodifikax l-impenji baġitarji eżistenti. Din tibqa' fil-limiti tal-allokazzjoni ġenerali għall-perjodu 2021-2027 u għalhekk għandha newtralità baġitarja.

Il-proposta se tirriżulta fi prefinanzjament addizzjonali li għandu jitħallas taħt il-FEŻR u l-FSE+ u se twassal għall-antiċipazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Għall-2025, il-prefinanzjament addizzjonali ma kienx previst fl-abbozz tal-baġit. Sabiex tindirizza l-ħtiġijiet urġenti u tipprovdi appoġġ rapidu lill-Istati Membri milquta mid-diżastri, il-Kummissjoni pproponiet li tkopri l-ħtiġijiet ta' pagament addizzjonali permezz ta' ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit tal-2025. L-ammont addizzjonali għall-2025 huwa ta' EUR 3 biljun — għall-FEŻR u l-FSE+ meħuda flimkien — u jikkorrispondi għall-prefinanzjament ta' 30 % għall-allokazzjoni stmata (EUR 10 biljun) tal-prijoritajiet iddedikati wara li seħħew id-diżastri naturali mill-1 ta' Jannar 2024.

Il-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal żieda fir-rata ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 % kemm għall-FEŻR kif ukoll għall-FSE+ se twassal ukoll għal antiċipazzjoni parzjali tal-pagamenti, segwita minn pagamenti aktar baxxi fi stadju aktar tard peress li l-pakkett ġenerali ma jinbidilx. L-impatt reali se jiddependi fuq l-adozzjoni tal-Istati Membri.

Il-modifiki proposti ma jeħtiġux bidliet fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal impenji u pagamenti skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093, u ma jimplikawx bidliet fil-ħtiġijiet ta' pagament kumplessivi matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-miżura se tiġi mmonitorjata u rrappurtata fil-qafas tal-mekkaniżmi ta' rapportar ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/1057 u r-Regolament (UE) 2021/1058.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Sabiex tingħata assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, qed jiġi propost li r-Regolament (UE) 2021/1058 jiġi emendat biex:

- jintroduċi objettiv speċifiku ġdid taħt l-Objettiv ta' Politika 2 (Ewropa aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti billi tippromwovi t-

tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, l-investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, u l-mobbiltà urbana sostenibbli) fil-kamp ta' applikazzjoni eżistenti tal-appoġġ tal-FEŻR b'reazzjoni għad-diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2024. Ir-riżorsi taħt dan l-oġettiv speċifiku jenħtieġ li jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati ta' programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir biex jappoġġaw operazzjonijiet immirati lejn it-tiswija u r-rikostruzzjoni.

- jippermetti l-applikazzjoni ta' rata ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 % mill-baġit tal-UE għal prijorità separata stabbilita fi ħdan programm biex tappoġġa operazzjonijiet marbuta mar-rikostruzzjoni u t-tiswija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-appoġġ minn strumenti oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew minn skemi ta' assigurazzjoni privata jitqies sabiex ma jsirux pagamenti żejda;
- jipprovdi prefinanzjament addizzjonali għal din il-prijorità separata billi japplika 30 % għall-allokazzjoni tal-prijorità kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm fejn tiġi stabbilita l-prijorità ddedikata l-ġdida. Fejn sussegwentement l-allokazzjoni għall-prijorità tiżdied bħala riżultat ta' aktar diżastri naturali, il-prefinanzjament addizzjonali jitħallas biss fuq l-ammont li bih tiżdied l-allokazzjoni għall-prijorità;
- jippermetti lill-Istati Membri jagħżlu operazzjonijiet ta' appoġġ li jkunu tlestew fiżikament jew li jkunu ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-programm tiġi ppreżentata kif xieraq lill-awtorità ta' ġestjoni meta jipprovdu rispons għal diżastru naturali li jseħħ mill-1 ta' Jannar 2024;
- jistabbilixxi skadenza ta' erba' xhur wara l-ewwel okkorrenza ta' ħsara b'riżultat ta' diżastru naturali jew id-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju meta diżastru jkun seħħ qabel dik id-data biex jiġu ppreżentati l-emendi korrispondenti tal-programm.

Sabiex tiġi żgurata aktar flessibbiltà għall-Istati Membri b'reazzjoni għad-diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2024, qed jiġi propost li r-Regolament (UE) 2021/1057 jiġi emendat biex:

- jippermetti appoġġ iffukat biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tad-diżastri naturali taħt prijorità ddedikata li tibbenefika minn aktar flessibbiltajiet;
- jippermetti l-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għall-benefiċċju tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom affettwati minn diżastri naturali mingħajr il-ħtieġa li jitwettqu miżuri attivi għal perjodu ta' żmien limitat, kemm jekk ipprogrammati taħt il-prijorità ddedikata kif ukoll jekk le;
- jippermettu miżuri ta' finanzjament biex jappoġġaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti, kemm jekk ipprogrammati taħt il-prijorità ddedikata kif ukoll jekk le;
- jippermetti d-distribuzzjoni tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika mingħajr miżuri ta' akkumpanjament jekk iridu jiprovdu rispons għall-konsegwenzi tad-diżastri naturali, kemm jekk ipprogrammati skont il-prijorità ddedikata kif ukoll jekk le;
- jippermetti lill-Istati Membri jagħżlu operazzjonijiet ta' appoġġ li jkunu tlestew fiżikament jew li jkunu ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma l-applikazzjoni għall-

finanzjament taħt il-programm tiġi ppreżentata kif xieraq lill-awtorità ta' ġestjoni meta jipprovdu rispons għal diżastru naturali li jseħħ mill-1 ta' Jannar 2024;

- jistabbilixxi skadenza ta' erba' xhur wara l-okkorrenza tad-diżastru naturali jew id-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju meta jkun seħħ diżastru qabel dik id-data biex jiġu ppreżentati l-emendi korrispondenti tal-programm;
- jipprovdi prefinanzjament addizzjonali għal din il-prijorità ddedikata billi japplika 30 % għall-allokazzjoni tal-prijorità kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm fejn tiġi stabbilita l-prijorità ddedikata l-ġdida. Fejn sussegwentement l-allokazzjoni għall-prijorità tiżdied bħala riżultat ta' aktar diżastri naturali, il-prefinanzjament addizzjonali jitħallas biss fuq l-ammont li bih tiżdied l-allokazzjoni għall-prijorità;
- jippermetti l-applikazzjoni ta' rata ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 % mill-baġit tal-UE għall-prijorità ddedikata.

Sabiex tiġi ssalvagwardjata n-natura strateġika fit-tul tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni, l-ammont totali allokati għal tali prijoritajiet iddedikati ma jistax jaqbeż il 10 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali totali tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni meħuda flimkien fi Stat Membru għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-appoġġ minn strumenti oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew minn skemi tal-assigurazzjoni privata jitqies sabiex ma jsirux pagamenti żejda.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

RESTORE - Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 164, l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 178 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-għarar riċenti fiċ-Ċentru, fil-Lvant u fin-Nofsinhar tal-Ewropa kellhom effett devastanti fuq il-popolazzjonijiet li jgħixu f'dawn ir-reġjuni. Se jkunu meħtieġa xogħlijiet estensivi ta' rikostruzzjoni f'haġna bliet, irħula u rħula biex jissewwew l-infrastruttura u t-tagħmir li saritilhom il-ħsara. Se jkunu meħtieġa miżuri immedjati biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi ta' diżastri naturali bħal dawn. Barra minn hekk, in-nies għandhom bżonn immedjat tal-materjal bażiku li tilfu; u se jkun meħtieġ appoġġ għaż-żamma tal-impjegati jgħin lill-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom iżommu l-impjegi tagħhom għal perjodu limitat ta' żmien f'każijiet fejn ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-post tax-xogħol tas-soltu tagħhom minħabba l-okkorrenza ta' diżastru naturali. Sabiex jiġi indirizzat l-effett devastanti tad-diżastri naturali fuq is-saħħa tan-nies, jenħtieġ li jkun permess ukoll l-aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti. L-evidenza tissuġġerixxi li l-okkorrenza ta' diżastri naturali x'aktarx li tiżdied fil-futur. Għalhekk, huwa xieraq li jinħoloq qafas li jipprevedi flessibbiltà u appoġġ finanzjarju filwaqt li jippreserva n-natura strateġika fit-tul tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni.
- (2) Sabiex jittaffa malajr il-piż fuq il-baġits nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati u jittaffa r-riskju ta' disparitajiet territorjali ġodda, jeħtieġ li, flimkien mar-riżorsi disponibbli mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri, ir-reġjuni, l-awtoritajiet lokali u l-persuni affettwati serjament minn tali diżastri naturali jingħataw appoġġ effettiv mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR") u l-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+").

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (3) Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, jenħtieġ li jiġi pprovdut objettiv speċifiku ġdid taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir biex l-appoġġ finanzjarju tal-FEŻR għar-rikostruzzjoni jiġi dirett b'reazzjoni għal tali diżastri.
- (4) L-objettiv ta' politika 2, li skontu jenħtieġ li jiġi introdott l-objettiv speċifiku l-ġdid, jappoġġa direttament l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew³. L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁴ għandha l-għan li tiżviluppa miżuri ta' adattament għall-ġestjoni tar-riskji tat-tibdil fil-klima, normalment fil-forma ta' diżastri, bħall-għargħar, in-nirien fil-foresti jew in-nixfiet. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-kontinwità u t-tisħiħ tal-investimenti ppjanati fil-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima, sabiex jittaffa l-impatt tad-diżastri naturali dejjem aktar frekwenti, inklużi daww ikkawżati mill-klima. L-isforzi ta' rikostruzzjoni m'għandhomx isiru għad-detriment tal-investimenti fil-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri strutturali fit-tul. L-applikazzjoni tar-reżistenza klimatika u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jenħtieġ li jiġu żgurati meta jsir investment fl-infrastruttura biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura ffinanzjata mill-Unjoni fid-dawl ta' diżastri futuri, aktar frekwenti u severi kkawżati mill-klima.
- (5) F'konformità mal-ambitu tal-appoġġ mill-FEŻR kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, l-appoġġ għar-rikostruzzjoni b'reazzjoni għal diżastri naturali taħt l-objettiv speċifiku l-ġdid jista' jkopri r-restawr ta' infrastruttura li tkun saritilha l-ħsara jew li tkun inqerdet, bħall-infrastruttura pubblika jew l-investment f'kapital fiss għan-negozji u t-tagħmir, inkluż f'post differenti jew f'format li ma jkunx identiku għall-oriġinali, jekk ikun meħtieġ, b'mod reżiljenti u sostenibbli. Barra minn hekk, ir-restawr taż-żoni naturali, il-bijodiversità u l-infrastruttura ekoloġika, inkluż fis-siti ta' Natura 2000, jistgħu jiġu appoġġati. Dan jista' jinkludi miżuri rilevanti relatati mar-riforestazzjoni.
- (6) Fil-kuntest tar-rikostruzzjoni b'reazzjoni għad-diżastri naturali, l-operazzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju ta' "nibnu mill-ġdid aħjar" – jenħtieġ li jingħataw prijorità fil-proċess tal-għażla. Dak il-prinċipju jinvolti l-użu tal-fażijiet ta' rkupru, riabilitazzjoni u rikostruzzjoni wara diżastru biex tiżdied ir-reżiljenza tal-komunitajiet permezz tal-integrazzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kif indikat fil-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015–2030. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-appoġġ għall-operazzjonijiet magħżula jibqa' proporzjonat u jippreżenta l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ u l-objettiv li tiġi żgurata r-reżiljenza għad-diżastri. Barra minn hekk, f'każ li Stat Membru jkun eliġibbli għal appoġġ mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jiffinanzja operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza u ta' rkupru li jirrestawraw l-infrastruttura għall-kundizzjoni tagħhom qabel ma jseħħ id-diżastru naturali, l-appoġġ tal-FEŻR jista' jintuża b'mod komplementari biex itejjeb il-funzjonalità tal-infrastruttura affettwata sabiex itejjeb il-kapaċità, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tagħha biex tiflaħ għal diżastri naturali futuri. B'mod ġenerali, l-appoġġ tal-FEŻR jenħtieġ li jżid ir-reżiljenza u t-tħejjija għar-riskji.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" - COM(2019) 640 final.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" – COM(2021) 82 final.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj>).

- (7) Sabiex jiġi eskluż il-pagament żejjed, jenħtiegħ li l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ kopert mill-FEŻR jew mill-FSE+ ma jikkoinċidix ma' appoġġ riċevut minn strumenti nazzjonali jew tal-Unjoni oħra jew minn skemi tal-assigurazzjoni privata.
- (8) Sabiex jirrispondu għall-impatt tad-diżastri naturali, jenħtiegħ li l-Istati Membri jitħallew, permezz ta' prijoritajiet iddedikati, jipprovdu għajjuna ffukata, rapida u immedjata biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi ta' tali diżastri. Barra minn hekk, jenħtiegħ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw, fi ħdan jew barra l-prijorità ddedikata, miżuri temporanji għal persuni affettwati direttament minn dawk id-diżastri fil-forma ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika mingħajr l-obbligu ta' miżuri ta' akkumpanjament; u, fejn strettament meħtiegħ u ġustifikat, skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għall-impjegati u għal dawk li jaħdmu għal rashom affettwati mill-konsegwenzi ta' diżastri naturali biex iżommu l-impjiegi tagħhom anke mingħajr miżuri attivi (sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux imposti mil-liġi nazzjonali) kif ukoll miżuri biex jipprovdu aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumie x f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu previsti flessibbiltajiet għal dawn il-miżuri temporanji għal perjodu ta' żmien limitat skont ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
- (9) Ir-riżorsi għall-appoġġ tar-rispons għad-diżastri naturali jenħtiegħ li jiġu pprogrammati taħt prijorità ddedikata b'rata ta' kofinanzjament sa 100 %. Ta' min ifakkar li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet għat-trasferiment tal-allokazzjonijiet bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni previsti fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ sabiex iżidu r-riżorsi disponibbli taħt dawn il-prijoritajiet iddedikati. Huma jistgħu wkoll jirriallokaw riżorsi minn kwalunkwe wieħed mill-oġġettivi ta' politika filwaqt li jirrispettaw ir-regoli regolatorji.
- (10) Ir-riżorsi ġenerali pprogrammati taħt il-prijoritajiet iddedikati jenħtiegħ li jkunu limitati għal massimu ta' 10 % tal-allokazzjoni nazzjonali totali inizjali tal-Istat Membru għall-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni. Dawn jistgħu jiġu pprogrammati permezz ta' emenda waħda jew aktar tal-programm u jistgħu jkunu marbuta ma' diżastru wieħed jew aktar. Il-prinċipju li l-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti f'konformità mal-appropriazzjonijiet tal-baġit u dejjem jekk ikun hemm il-fondi disponibbli għal dan jenħtiegħ li jkompli japplika.
- (11) Sabiex jingħata appoġġ immedjat għall-investimenti għar-rikostruzzjoni b'reazzjoni għal diżastri naturali kif ukoll biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi ta' tali diżastri naturali, jenħtiegħ li jiġi pprovdut ammont addizzjonali ta' prefinanzjament eċċezzjonali għall-prijoritajiet iddedikati. Ir-regoli applikabbli għal dawk l-ammonti ta' prefinanzjament eċċezzjonali jenħtiegħ li jkunu konsistenti mar-regoli applikabbli għall-prefinanzjament previsti fir-Regolament (UE) 2021/1060.
- (12) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw bis-siġħ il-konsegwenzi tad-diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2024, jenħtiegħ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni tagħhom

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj>.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

jithallem jagħżlu operazzjonijiet ta' appoġġ li jkunu tlestew fiżikament jew li jkunu ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-programm tiġi ppreżentata lill-awtorità ta' ġestjoni, dment li l-operazzjoni tkun b'reazzjoni għal tali diżastru naturali.

- (13) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1057 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.
- (14) Fid-dawl tal-effetti devastanti tad-diżastri naturali attwali u l-urġenza li jingħata appoġġ immedjat lill-Istati Membri, huwa meqjus neċessarju li tintuża l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (15) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni marbuta mad-diżastri naturali, huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 huwa emendat kif ġej:

- 1. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-punt (b), jiżdied il-punt (x) li ġej:

- “(x) l-appoġġ għal investimenti mmirati lejn ir-rikostruzzjoni b'reazzjoni għal diżastru naturali li seħħ mill-1 ta' Jannar 2024;”;

- (b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

- “1b. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) (x), ta' dan l-Artikolu, diżastru naturali, għandu jinftehem bħala diżastru naturali maġġuri jew reġjonali kif definit fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002*. Dan jista' jinkludi diżastru naturali li jirriżulta fi ħsara diretta taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u (3) ta' dak ir-Regolament, dment li jkun ġie rikonoxxut minn awtorità pubblika kompetenti tal-Istat Membru bħala diżastru naturali.

Ir-riżorsi allokatati taħt l-oġettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b) (x), ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati ta' programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jikkorrispondu għall-oġettiv ta' politika rispettiv. Ir-riżorsi allokatati taħt dan l-oġettiv speċifiku u l-prijoritajiet iddedikati stabbiliti skont l-Artikolu 12b(2) tar-Regolament (UE) 2021/1057 għandhom ikunu limitati għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni għal massimu ta' 10 % tal-allokazzjoni nazzjonali totali inizjali tal-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni. L-emenda korrispondenti tal-programm għandha tiġi ppreżentata fi żmien erba' xhur mid-data tal-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza tad-diżastru naturali jew, fejn id-diżastru naturali jkun seħħ qabel [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament XXX/XXX [li jemenda r-Regolament FEŻR/FK].

Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni lill-prijorità msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali flimkien mal-prefinanzjament annwali

għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dak il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm, soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi. Meta l-allokazzjoni għal dik il-prijorità tiżdied sussegwentement, għandu jitħallas ammont addizzjonali ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 30 % taż-żieda.

F'konformità mal-Artikolu 90(5), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

F'konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

F'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż.

F'konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas.

B'deroga mill-Artikolu 112(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal priyorità ddedikata stabbilita biex tappoġġa l-oġettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b) (x), ta' dan l-Artikolu għandha tkun ta' 100 %.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ minn strument nazzjonali jew tal-Unjoni jew skema tal-assigurazzjoni privata oħra riċevuti għall-operazzjonijiet magħżula skont l-oġettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b)(x), ta' dan l-Artikolu jitnaqqas min-nefqa inkluża fl-applikazzjoni għall-pagament ippreżentata lill-Kummissjoni.

B'deroga mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tagħżel għall-appoġġ, taħt il-prijorità ddedikata, operazzjonijiet li tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, dment li l-operazzjoni tipprovdi rispons għal diżastru naturali li seħħ mill-1 ta' Jannar 2024.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj>).”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa PO 2 u 3, ħlief għall-oġettiv speċifiku stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b)(x).”;

2. fit-Tabella 1 tal-Anness I, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-oġettiv ta' politika 2:

“

	(x) l-appoġġ għall-investimenti	Kwalunkwe RCO elenkat	Kwalunkwe RCR elenkat
--	---------------------------------	-----------------------	-----------------------

	mmirati lejn ir-rikostruzzjoni b'reazzjoni għal diżastru naturali li seħħ mill-1 ta' Jannar 2024	għal objettivi speċifiċi taħt PO 1 sa 4	għall-objettivi speċifiċi taħt PO 1 sa 4
--	--	---	--

”.

Artikolu 2

Fir-Regolament (UE) 2021/1057, l-Artikolu 12b huwa emendat kif ġej:

“Artikolu 12b

Appoġġ biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tad-diżastri naturali

1. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-FSE+ biex jipprovdu appoġġ biex itaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tad-diżastri naturali li seħħew mill-1 ta' Jannar 2024. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, diżastru naturali għandu jinftehem bħala diżastru naturali maġġuri jew reġjonali kif definit fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002*. Dan jista' jinkludi diżastru naturali li jirriżulta fi ħsara diretta taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u (3) ta' dak ir-Regolament, dment li jkun ġie rikonoxxut minn awtorità pubblika kompetenti tal-Istat Membru bħala diżastru naturali.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj>);

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, ir-riżorsi jistgħu jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet dedikati tal-programmi kkonċernati. Ir-riżorsi ġenerali għal tali prijoritajiet iddedikati allokatu mill-FSE+ u l-FEŻR skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1b, tar-Regolament (UE) 2021/1058 għandhom ikunu limitati għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni għal massimu ta' 10 % tal-allokkazzjoni nazzjonali totali inizjali tal-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni. L-emenda korrispondenti tal-programm għandha tiġi ppreżentata fi żmien erba' xhur mid-data tal-okkorrenza tad-diżastru naturali jew, fejn id-diżastru naturali jkun seħħ qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament XXX/XXX [li jemenda r-Regolament FSE+].
3. Il-prijorità ddedikata kif imsemmija fil-paragrafu 2 tista' tappoġġa kwalunkwe wieħed mill-objettivi speċifiċi kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.
4. Fejn strettament meħtieġ u bħala miżuri temporanji, skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar li għandhom l-għan li jipprovdu rispons għall-konsegwenzi ta' diżastri naturali mingħajr il-ħtieġa li jiġu kkombinati ma' miżuri attivi kif ukoll aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà

soċjoekonomika imminenti jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament għal massimu ta' 18-il xahar mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali.

5. B'deroga mill-Artikolu 19(4), l-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkomplementaw l-ikkonsenjar tal-ikel jew tal-assistenza materjali bażika permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament skont l-oġettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(1), il-punt (m), ta' dan ir-Regolament, f'każ li tali konsenja tirreaġixxi għall-konsegwenzi ta' diżastri naturali. Fil-każ ta' diżastru naturali, tali kunsinna ta' ikel u assistenza materjali bażika mingħajr miżuri ta' akkumpanjament tista' tkun eliġibbli għal finanzjament għal massimu ta' 6-il xahar mid-data meta seħħ id-diżastru naturali u fi kwalunkwe każ wara l-1 ta' Jannar 2024.
6. B'deroga mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tagħżel għall-appoġġ, taħt il-prijorità ddedikata, operazzjonijiet li tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, dment li l-operazzjoni tipprovdi rispons għal diżastru naturali li seħħ mill-1 ta' Jannar 2024.
7. Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni lil daww il-prijoritajiet dedikati msemmija fil-paragrafu 2, kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba minbarra l-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dak il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm, soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi. Meta l-allokazzjoni għal dik il-prijorità tiżdied sussegwentement, għandu jitħallas ammont addizzjonali ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 30 % taż-żieda.
F'konformità mal-Artikolu 90(5), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.
F'konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.
F'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż.
F'konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas.
8. B'deroga mill-Artikolu 112(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal prijarità ddedikata stabbilita biex tappoġġa t-tnaqqis tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tad-diżastri naturali skont il-paragrafu 2, għandha tkun ta' 100 %.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ minn strument ieħor nazzjonali jew tal-Unjoni jew minn skema tal-assigurazzjoni privata riċevut

għal operazzjonijiet magħżula b'reazzjoni għal diżastri naturali, jitnaqqas min-nefqa inkluża fl-applikazzjoni għall-pagament ippreżentata lill-Kummissjoni.”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

RESTORE - Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi:

- (i) appoġġ effettiv addizzjonali u aktar flessibbiltà biex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni għall-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali affettwati serjament minn diżastri naturali permezz tal-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
- (ii) flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) biex ikunu jistgħu jipprovdu ikel immedjat u assistenza materjali bażika lill-persuni affettwati direttament minn diżastri naturali, kif ukoll skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għall-impjegati u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Nru tal-objettiv speċifiku

L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma li l-Istati Membri jkunu jistgħu:

- (i) jipprogrammaw mill-ġdid l-ammonti tal-FEŻR tal-programmi tagħhom taħt il-mira tal-Investment għall-Impjigi u t-Tkabbir biex jappoġġaw operazzjonijiet ta' tiswija u rikostruzzjoni li jirriżultaw minn diżastri naturali li seħħew mill-1 ta' Jannar 2024 b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-ġajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija;
- (ii) jibbenefikaw minn rata ta' kofinanzjament sa 100 % u prefinanzjament addizzjonali ta' 30 % għall-prijoritajiet iddedikati biex jappoġġaw ir-rikostruzzjoni fi ħdan il-programmi appoġġati mill-FEŻR taħt il-mira tal-Investment għall-Impjigi u t-Tkabbir;
- (iii) tippermetti l-finanzjament taħt l-FSE+ ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għall-benefiċċju tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom affettwati minn diżastri naturali mingħajr il-ħtieġa li jitwettqu miżuri attivi għal perjodu ta' żmien limitat;
- (iv) tippermetti d-distribuzzjoni tal-ikel u tal-assistenza materjali bażika mingħajr miżuri ta' akkumpanjament taħt l-FSE+ b'reazzjoni għall-konsegwenzi diretti tad-diżastri naturali;
- (v) jibbenefikaw minn rata ta' kofinanzjament sa 100 % u prefinanzjament addizzjonali ta' 30 % meta tiġi stabbilita prijorità ddedikata ġdida għall-FSE+ taħt il-mira tal-Investment għall-Impjigi u t-Tkabbir.

1.3.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u impatt*

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-impatt mistenni ta' din il-proposta huwa r-riprogrammazzjoni ta' EUR 10 biljun mill-Istati Membri u r-reġjuni milquta minn diżastri naturali tal-ammonti tal-FEŻR u l-FSE+ tal-programmi tagħhom permezz ta' aktar flessibbiltà u inċentivi finanzjarji taħt il-FEŻR u l-FSE+ biex jappoġġaw malajr l-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni u tiswija, jipprovdu ikel u assistenza materjali bażika, u jappoġġaw skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar filwaqt li jtaffu l-piż fuq il-baġits nazzjonali.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Il-proposta tippermetti lill-Istati Membri jagħżlu kwalunkwe indikatur komuni tal-output u tar-riżultati għall-FEŻR elenkat għall-oġġettivi speċifiċi taħt l-oġġettivi ta' politika 1 sa 4 għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet tal-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni (l-Anness I, it-Tabella 1). Il-proposta ma temendax il-lista ta' indikaturi komuni għall-appoġġ tal-FSE+.

1.4. **Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁸

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/l-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament jenħtieġ li jkun applikabbli bis-sħiħ f'tit wara l-adozzjoni tiegħu, jiġifieri fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Soġġett għall-adozzjoni ta' din il-proposta mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni hija lesta li tiffaċilita l-approvazzjoni rapida tat-talbiet għal emendi tal-programm ippreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament 2021/1060.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-proposta tippermetti li titkompla l-implimentazzjoni tal-programmi, li jiġu injettati flus fl-ekonomija filwaqt li tgħin biex fl-istess ħin jitnaqqas il-piż fuq in-nefqa pubblika għal Stati Membri affettwati minn diżastri naturali. Ma jistax jinkiseb l-istess riżultat permezz ta' azzjoni fuq livell nazzjonali.

⁸

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Diżastri naturali reċenti jiġġustifikaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li ttipprovdi appoġġ rapidu u effettiv lill-Istati Membri biex jikkomplementaw l-isforzi ta' rikostruzzjoni tagħhom u jtaffu l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi fuq il-persuni affettwati direttament. Jeħtieġ li jiġu ssupplimentati d-dispożizzjonijiet attwali skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 sabiex tiżdied il-flessibbiltà fl-ipprogrammar tal-fondi tal-FEŻR u l-livell ta' appoġġ finanzjarju għall-operazzjonijiet ta' tiswija u rikostruzzjoni wara diżastri naturali, flimkien mar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, u biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmobilizzaw l-ammonti tal-FSE+ għall-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar mingħajr il-ħtieġa ta' miżuri attivi għall-impjegati u għall-persuni li jaħdmu għal rashom affettwati minn diżastri naturali u għad-distribuzzjoni tal-ikel u tal-assistenza materjali bażika mingħajr miżuri ta' akkumpanjament.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Fis-snin preċedenti, l-UE adottat bidliet regolatorji biex taċċellera l-użu tal-fondi tal-UE; pereżempju, CARE u FAST-CARE huma eżempji fejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni kienu soġġetti għal bidliet immirati biex jiffaċċjaw kriżi emerġenti.

Dawn l-esperjenzi kif ukoll ir-Regolament STEP tqiesu fit-tfassil ta' din il-proposta.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Dan ir-Regolament johlq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal użu aktar effettiv u flessibbli tar-riżorsi eżistenti tal-FEŻR u tal-FSE+ wara diżastri naturali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jew, f'każijiet debitament ġustifikati, rikonossuti bħala tali minn awtorità pubblika kompetenti ta' Stat Membru. Dan jikkomplementa l-mezzi disponibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Din il-proposta hija kompletament kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali eżistenti u mal-istrumenti attwali, u ma teħtieġx approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali biex jintlaħqu l-oġġettivi.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☒ **durata limitata**

–

- ☒ **impatt finanzjarju mill-2025 sal-2027** għall-appropriazzjonijiet ta' impenn.

☐ **durata illimitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' prova minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)⁹

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati)
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

⁹ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli għall-monitoraġġ u għar-rappurtar

Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Mhux applikabbli

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) tan-nefqa affettwata(i) tal-baġit

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./mhux diff. ¹⁰	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹¹	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali ¹²	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
2a	05.02.01 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) Nefqa Operazzjonali	Diff.	LE	LE	LE	LE
	07.02.01 Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) Nefqa Operazzjonali					

- Linji baġitarji ġodda mitluba – Mhux applikabbli

¹⁰ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹¹ L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹² Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	2a
--	-------	----

DĠ: REGIO				Se na	Sena	Sena	Sena	TOT AL QFP 2021 - 2027
				20 24	2025	2026	2027	
Appropriazzjonijiet operazzjonali								
05.02.01 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) Nefqa Operazzjonali	Impenji	(1a)						0.000
	Pagamenti	(2a)			2070.000	3 003.600	-5 073.600	0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ REGIO	Impenji	=1a+1b+3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0.000	2 070.000	3 003.600	- 5073.600	0.000 *	

Il-pagamenti ta' prefinanzjament addizzjonali għall-FEŻR fl-2025 (EUR 2 070,0 miljun) u l-effett tal-kofinanzjament ta' 100 % (EUR 3 003,6 miljun fl-2026) se jantiċipaw il-pagamenti mill-2027 u se jkunu newtrali għall-baġit matul il-perjodu tal-QFP 2021–27. L-ammonti ppreżentati fit-tabella ta' hawn fuq huma stimuli ta' riprogrammazzjoni mistennija mill-Istati Membri ta' ammont ta' EUR 10 biljun, filwaqt li l-ammonti finali li għandhom jitħallsu taħt il-FEŻR se jiddependu fuq id-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni tal-Istati Membri u se jiġu ffinanzjati kompletament mir-riżorsi tal-QFP.

DĠ: EMPL			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021- 2027
			2024	2025	2026	2027	
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
07.02.01	Impenji	(1a)					0.000
	Pagamenti	(2a)	0	930	1 000	- 1 930	0.000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0.000
	Pagamenti	(2b)					0.000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹³							
Linja baġitarja		(3)					0.000
TOTAL tal-	Impenji	=1a+1b+3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

¹³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

approprjazzjonijiet għad-DĠ EMPL	Pagamenti	=2a+2b+3	0.000	930	1000	-1930	0.000
---	-----------	----------	--------------	------------	-------------	--------------	--------------

Il-pagamenti ta' prefinanzjament addizzjonali għall-FSE+ fl-2025 (EUR 930 miljun) u l-effett tal-kofinanzjament ta' 100 % (EUR 1 000 miljun fl-2026) se jantiċipaw il-pagamenti mill-2027 u se jkunu newtrali għall-baġit matul id-durata tal-QFP 2021–2027. L-ammonti ppreżentati fit-tabella ta' hawn fuq huma stimi tar-riprogrammazzjoni mistennija mill-Istati Membri ta' ammont totali ta' EUR 10 biljun, filwaqt li l-ammonti finali li għandhom jiġihallu taħt l-FSE+ se jiddependu fuq id-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni tal-Istati Membri u se jiġu ffinanzjati kompletament mir-riżorsi tal-QFP.

			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
TOTAL approprjazzjonijiet operazzjonali ta'	Impenji	(4)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	(5)	0.000	3 000.000	4 003.600	-7 003.600	0.000
TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2a tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=5+6	0.000	3 000.000	4 003.600	-7 003.600	0.000

			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	(5)	0.000	3 000.000	4 003.600	-7 003.600	0.000
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=5+6	0.000	3 000.000	4 003.600	-7 003.600	0.000

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

		Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
		2024	2025	2026	2027	
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7	Impenji	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	0.000	3 000.000	4 003.600	-7 003.600	0.000
-----------------------------------	-----------	-------	-----------	-----------	------------	-------

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	Total għall-perjodu 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Nefqa amministrattiva oħra	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

3.2.4. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)¹⁴

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)					
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0
• Persunal estern (FTEs)					
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")		0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0

¹⁴ Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0
TOTAL	0	0	0	0

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)
- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif iddefiniti fir-Regolament QFP
- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. *Impatt stmat fuq id-dħul*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor
 - ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ¹⁵			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Artikolu					

¹⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Mhux applikabbli

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali. Id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 japplikaw u jinkludu rekwiżiti ta' rilevanza diġitali f'termini ta' ġbir, trażmissjoni u ħżin tad-*data* u skambji ta' informazzjoni.

4.2. *Data*

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali għall-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, l-iskambju jew il-kondiviżjoni tad-*data*. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali li jawtorizzaw soluzzjoni diġitali. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

4.4. *Valutazzjoni tal-interoperabbiltà*

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali li jikkonċernaw is-servizzi pubbliċi diġitali. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1060.